

Brussell, 28 ta' April 2025
(OR. en)

7679/25

CULT 25
AUDIO 23
SOC 235
SUSTDEV 20
SAN 169
EDUC 120
EMPL 151
RELEX 481
DIGIT 67

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Approċċ ġdid għall-kultura fl-Unjoni Ewropea: il-Boxxla Kulturali u l-futur tal-Programm Ewropa Kreattiva - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, fil-kuntest tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-13 ta' Mejju 2025.

**Approċċ ġdid għall-kultura fl-Unjoni Ewropea:
il-Boxxla Kulturali u l-futur tal-Programm Ewropa Kreattiva**

Dibattitu ta' orientazzjoni

A. INTRODUZZJONI

Is-sitwazzjoni ġeopolitika volatili u inkwetanti fil-preżent teħtieġ UE b'saħħitha u magħquda. Il-kultura u l-patrimonju kulturali huma espressjoni ta' kreattività u tal-istorja għanja tagħna; fuqhom imsejsin il-ħajja fil-komunità, id-diversità kulturali u l-valuri Ewropej. Fl-istess waqt, is-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa qed isibu sfidi ġodda quddiemhom. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-manifestazzjonijiet barbariċi tagħha juru biċ-ċar li anke l-patrimonju kulturali huwa mhedded. F'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, meta l-kultura u l-patrimonju komuni tal-Ewropa jisfaw vittmi tal-gwerra, huwa kruċjali li tiġi żviluppata reżiljenza soċjali u istituzzjonali, kif ukoll li jiġu żviluppata strateġiji li jqiegħdu l-kultura, il-patrimonju u l-iżvilupp sostenibbli fil-qalba tal-politiki ta' rkupru.

Għalhekk f'din il-fażi kruċjali għall-Ewropa jeħtieġ li jerġa' jitqies l-appoġġ tagħna għall-kultura u s-setturi kulturali u kreattivi. Qed nistennew bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, li ser jiddetermina l-ambitu u l-konfigurazzjonijiet tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-kultura fil-futur. B'mod parallel, u b'rispons għall-istedina tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem fuq Boxxla Kulturali, qafas strateġiku ġenerali biex jiggwida u jisfrutta d-diversi dimensjonijiet tal-kultura li għandu joffri direzzjoni fuq kwistjonijiet urġenti li jinsabu quddiem is-setturi kulturali u kreattivi.

B. IL-FUTUR TAL-PROGRAMM EWROPA KREATTIVA

F'dan il-kuntest, il-Programm Ewropa Kreattiva – l-aktar strument importanti ffinanzjat mill-UE biex jiġu appoġġati s-setturi kulturali u kreattivi Ewropej – huwa ta' interess partikolari għall-Istati Membri kollha. L-inizjattivi implimentati fl-ambitu tal-Programm Ewropa Kreattiva għamluha possibbli li jingħata appoġġ sostanzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera, tiġi promossa d-diversità kulturali u lingwistika, jinġabar l-għarfien espert u jiġu żviluppati l-potenzjal u l-portata tal-entitajiet Ewropej fis-setturi kulturali u kreattivi. Ikkontribwew ukoll biex jissaħħu l-professjonalizzazzjoni u l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, kif ukoll biex isir tkabbir fis-suq globali.

Il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tas-Programm Ewropa Kreattiva jibqgħu f'idejn il-Kummissjoni Ewropea. F'Jannar 2025, il-Ministri għall-Kultura tas-27 pajjiż tal-UE ffirmaw ittra indirizzata lill-Viċi President Henna Virkkunen u lill-Kummissarji Glenn Micallef u Piotr Serafin, li fiha saħqu fuq l-importanza tal-kultura għall-iżvilupp u d-diversità tal-Ewropa u indikaw li l-isforzi konġunti biex jiġi sostnut il-Programm għandhom ikomplu. Il-Ministri għall-Kultura tal-UE osservaw li l-Programm Ewropa Kreattiva huwa l-uniku programm tal-UE mfassal speċifikament biex jappoġġa l-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, l-artisti u l-professjonisti kulturali. Huma saħqu li l-kultura għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni ta' komunità ta' valuri, fl-arrikkiment tal-identità Ewropea komuni tagħna u fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, filwaqt li tappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività. Barra minn hekk, il-kultura trawwem sens ta' appartenenza u involviment ċiviku, li huwa essenzjali biex jiġiharsu l-valuri demokratiċi tal-UE. Osservaw li qatt ma kienet daqstant urġenti l-kooperazzjoni fis-setturi kulturali u kreattivi fil-livell tal-UE, speċjalment fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali li għaddejja u f'dinja li l-ħin kollu tinbidel.

Ir-rieda li jitkompla l-Programm Ewropa Kreattiva tidher ċar fil-konklużjoni tal-ittra:

"(...) biex niżguraw li s-settur ikun jista' jkompli jadatta u jirnexxi fix-xenarju globali li qed jevolvi malajr, aħna, il-Ministri għall-Kultura firmatarji, nappellaw bil-qawwa lill-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tagħti prijorità lid-diversità kulturali u l-libertà artistika. Aħna ntennu li s-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-industrija awdjoviżiva, jeħtieġu inċentivi tal-UE effettivi u mfassla apposta għas-settur. Dawn l-inċentivi jridu jkunu kemm viżibbli ħafna kif ukoll imfassla b'mod strateġiku biex jappoġġaw il-kooperazzjoni kulturali u l-ħolqien tal-kontenut. Għandhom jiżguraw li l-istrateġiji u l-prijoritajiet ta' finanzjament tal-UE jkunu flessibbli u jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-settur li qed jevolvu malajr, kif ukoll għall-isfidi diġitali u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Mingħajr ma nantiċipaw in-negozjati baġitarji tal-UE, nixtiequ nişhqu li huwa biss b'miżuri mmirati bħal dawn li nistgħu nissalvagwardaw ir-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tas-settur, u l-vitalità tal-ekosistema kulturali u kreattiva tal-Ewropa. Nistennew bil-ħerqa li nkomplu bl-isforzi konġunti tagħna u li nkomplu nsaħħu r-rwol tal-Ewropa fit-trawwim tad-diversità kulturali, il-kreattività u l-innovazzjoni."

Il-pożizzjoni ċara u soda tal-Ministri għall-Kultura tal-UE hija element ewlieni li għandu jitqies fil-proċess ta' tħejjija li għaddej bl-għan li jsaħħaħ il-Programm Ewropa Kreattiva fil-futur.

C. BOXXLA KULTURALI ĠDIDA

Il-Boxxla Kulturali hija inizjattiva emblematika fl-ittra ta' missjoni tal-Kummissarju Glenn Micallef. Il-Boxxla għandha tgħin biex il-kultura tiġi inkorporata fl-għanijiet politiċi ġenerali tal-UE, filwaqt li terġa' tafferma l-valuri u l-prinċipji gwida tal-UE, bl-għan aħħari li tiżgura li l-kultura ssir aktar aċċessibbli għal kulħadd. Għandha tindirizza l-ħtieġa ta' approċċ aktar strateġiku u koerenti fl-appoġġ tal-UE għall-kultura, approċċ li jirreaġixxi għall-kuntest politiku u ġeopolitiku diffiċli.

Il-Kummissjoni bdiet it-tnejn għal din l-inizjattiva strateġika, fosthom l-ewwel skambju produttiv mal-Istati Membri tal-UE li sar fil-laqgħa ministerjali informali f'Varsavja, fit-8 ta' April, b'enfasi fuq il-prinċipji gwida li fuqhom titfassal il-politika tal-UE dwar il-kultura, li ser jiġu minquxa fil-Boxxla Kulturali futura u li jikkonfermaw d-direzzjonijiet ewlenin. L-Istati Membri ddeklamaw il-valur inerenti tal-kultura u l-ħtieġa li tiġi ggarantita l-libertà artistika, li jiġu ssalvagwardati d-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali, u li tiżdied ir-reżiljenza tas-settur, bil-kontribut tat-teknoloġija diġitali fit-tnejn u fl-aċċessibbiltà tal-kultura. Quddiem it-tibdil fil-klima, dawk li jfasslu l-politika dwar il-kultura għandhom iqisu wkoll l-iżvilupp sostenibbli u jiżguraw l-investment fl-innovazzjoni u t-trasformazzjoni teknoloġika, madankollu b'sensittività għall-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-settur. Ħafna ilħna rreferew għall-artisti u l-kreaturi bħala kapital ewlieni, filwaqt li tkellmu favur leġiżlazzjoni li tiffaċilita l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u paga ġusta, u b'hekk titjeb il-protezzjoni soċjali. Il-parteċipanti unanimament enfasizzaw ir-rwol tal-kultura fl-iżvilupp tad-demokrazija, il-benesseri u s-saħħa tas-soċjetajiet, u b'hekk tqajmu l-integrazzjoni tal-kultura fil-politiki tal-UE u d-diplomazija kulturali.

Wara d-diskussjonijiet kostruttivi fil-laqgħa ministerjali informali, il-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-13 ta' Mejju tagħti l-opportunità lill-Ministri japprofondixxu l-iskambju ta' fehmiet dwar it-temi ewlenin tal-politika dwar il-kultura li jidhru fil-Boxxla Kulturali, biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin għall-kultura u s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi.

Il-proċess komprensiv ta' konsultazzjoni għall-Boxxla Kulturali jinkludi wkoll konsultazzjoni bil-miktub (stħarriġ online) u seminar ta' ħidma, ospitat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza flimkien fis-17 ta' Ġunju 2025 fi Brussell. Dawn il-passi ta' konsultazzjoni għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-involviment tal-Istati Membri fit-tfassil tal-appoġġ strateġiku futur għall-politika tal-UE dwar il-kultura.

D. MISTOQSJIET GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

F'dan il-kuntest, il-Ministri mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar dawn il-mistoqsijiet:

1. Meta jitqiesu l-isfidi li jinsabu quddiem is-setturi kulturali u kreattivi fil-preżent, indika jekk il-Programm Ewropa Kreattiva għandux jiġi aġġustat sabiex jindirizza dawk l-isfidi aħjar, u jekk iva, kif?
2. Meta jitqies il-kuntest ġeopolitiku fil-preżent, il-Boxxla Kulturali kif tista' tagħmel xi ħaġa differenti mill-istatus quo u tiżgura li l-importanza strateġika tal-kultura tiġi rikonoxxuta flimkien mal-prijoritajiet politiċi ġodda li qed ifeġġu fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri?

Il-ħin għad-diskors m'għandux jaqbeż tliet minuti.

Il-Presidenza tixtieq li l-Ministri jgħaddu d-dikjarazzjonijiet tagħhom bil-miktub wara s-sessjoni tal-Kunsill EYCS. Is-suġġerimenti tiegħek ser jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bħala kontribut għal aktar tħejjija tal-Programm Ewropa Kreattiva futur u tal-Boxxla Kulturali.